MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 266/2011

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-esponent kellu relazzjoni extra-maritali mal-konvenuta C D, minn liema relazzjoni twieldet il-minuri I J fl-10 t'Awwissu, 2010;

2. Illi fl-Att tat-Twelid tal-Imsemmija minuri C D, il-konvenut K J, bil-konnotati kollha tieghu, gie mnizzel bhala missier il-minuri I, u dan kif jidher mill-Att tat-Twelid Numru tnejun, sitta, wiehed, zero tas-sena elfejn u ghaxra (2610/2010) (kopja hawn annessa bhala Dok. 'A').
3. Illi mit-test ta' DNA, li sar fuq il-kampjun orali ta' C D, il-minuri I J u B A rrizulta b'mod car illi l-esponent B A huwa effettivament il-missier naturali tal-minuri I J (vide Dok. 'B');
4. Illi l-esponent kien dejjem prezenti fit-trobbija tal-minuri I J, bil-kunsens tal-konvenuta omm l-minuri, C D fejn hija stess tirrikonoxxi il-fatt fil-verita` huwa l-esponent il-missier naturali tal-istess minuri (vide Dok. 'C' affidavit ta' C D);
5. Illi ghalhekk qed tigi prezentata din il-kawza sabiex isiru l-appoziti korrezzjonijiet fl-Att tat-Twelid tal-minuri I J.

Talab ghar-ragunijiet premessi prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega,

i. tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri I J li twieldet fl-10 t'Awwissu, 2010 mhuwiex il-konvenut K J;

ii. konsegwentement, tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-Att tat-Twelid Numri 2610/2010 tal-minuri msemmija I J, u partikolarment fil-kolonni ntestati "Taghrif Dwar: Isem u Kunjom, Missier it-tarbija, Id-Dokument tal-Identita`, Eta`, Fejn Twieldu, Joqghodu, Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet" jigu kancellati dawn il-konnotati kollha li hemm imnizzla relattivi ghall-konvenut K J u jitnizzlu l-kliem "B A".

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku , li *in forza* taghha huwa eccepixxa:

Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz inkwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent ihoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri I li flok il-kliem "missier mhux maghruf" jitnizzel isem u kunjom ir-rikorrenti bhala l-missier naturali tal-minuri sabiex l-istess minuri tkun taf min huwa missierha.

Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri I a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwinti huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti Dr. Noel Bartolo u l-P.L. Veronica Rossignaud nomine, li *in forza* taghha huma eccepew :

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-atti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rappresentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista` ghandu dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati.

2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti nomine;

Rat ir-risposta tal-konvenut K J, li in forza taghha huwa eccepixxa:

1. Illi preliminarjament b'referenza ghall-ewwel talba tar-rikors promotur l-esponent jissottometti li l-ewwel talba trid tigi korretta in kwantu tigi kancellata l-kelma "D" u sostitwita mill-kelma "J";

2. Illi l-esponenti jaqbel mat-talba tar-rikorrent in kwantu jigi dikjarat li l-minuri I J li twieldet fl-10 ta' Awissu 2010 ma hijiex it-tifla naturali tal-esponent u konsegwentement jigu kancellati d-dettalji tieghu mill-att tat-twelid tal-minuri;

3. Illi l-esponenti ma kienx a konoxxjenza ta' dan il-fatt meta gie registrat bhala missier il-minuri fuq l-att ta' twelid u d-dikjarazzjoni tieghu fuq l-att kienet frott ta' ingann dwar il-paternita` tal-minuri minn naha tal-konvenuta C D kif inhu provat mill-istess test tad-DNA anness mar-rikors promotor u kif ser jispjega aktar fid-dettal fit-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk qed jopponi ghall-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut K J;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attur u cioe' l-allegat missier naturali tal-minuri I J sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid[1] tal-imsemmija minuri fis-sens li dan jibda jindika lill-istess attur bhala l-missier

[1] Esebit a fol 3 tal-process

naturali minflok ma tibqa' indikata bhala l-wild naturali tal-intimat K J.

**Il-Verzjoni tal-attur**

Illi l-attur jibda billi jghid li l-minuri I J twieldet frott tar-relazzjoni li huwa kellu u ghad ghandu mal-intimata C D. Fiz-zmien li bdiet ir-relazzjoni taghhom u sakemm twieldet il-minuri, l-intimata kienet ghaddejja minn zmien hazin fir-relazzjoni li kellha mal-intimat K J izda jishaq li kien cert li l-minuri hija bintu. Jghid li sar it-test tad-DNA li kkonferma li hu l-missier naturali tal-minuri u jixtieq li jirregolarizza s-sitwazzjoni, anke ghaliex hu, l-intimata C u l-minuri huma familja.

**Il-kaz Odjern**

Illi l-qorti tirrileva li l-unici provi li gew esebiti in atti huma l-affidavit tal-attur u t-test tad-DNA[2] li jikkonferma li l-attur huwa l-missier naturali tal-minuri.

Jigi rilevat ukoll li, mir-risposta guramentata tal-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, ma kienx hemm eccezzjonijiet ta' natura legali u ghalhekk kollox idur fuq il-mertu tal-kaz, u cioe' jekk jezistux provi bizzejjed li jaghu lok sabiex issir korrezzjoni fic-certifikat tal-minuri jew le.

Illi ir-rizultat tat-test tad-DNA msemmi aktar 'il fuq huwa meqjus bhala l-prova regina f'kawzi bhal dawk odjerni u ghalhekk, in-necessita' ta' provi ulterjuri mhux li tant jistghu jitfghu dawl fuq il-kwistjoni. Gialdarba m'hemm ebda dubju dwar il-paternita' tal-minuri, li giet stabbilita permezz tat-test ta' DNA msemmi aktar 'il fuq, allura m'hemm ebda raguni ghaliex il-qorti ghandha jkollha dubju dwar x'ghandu jkun hemm imnizzel fic-certifikat tal-minuri ghal dak li jirrigwarda d-dettalji tal-missier naturali.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u:

---

[2] Esebit a fol 59 tal-process

1. Tiddikjara li l-intimat K J m’huwiex il-missier naturali tal-minuri I J li twieldet nhar l-10 ta’ Awwissu 2010;

2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri b’dan illi d-dettalji kollha mnizzla fl-istess certifikat u li huma relatati mal-intimat K J jigu kancellati u mibdula bid-dettalji ta’ B A bil-karta tal-identita’ numru 388354M li twieled nhar l-14 ta’ April 1954 gewwa l-Mgarr, iben Carmelo A u Helena nee’ Muscat

Bl-ispejjez kontra l-intimata C D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------